MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 260/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**I**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imputat, I talli f'dawn il-Gzejjer fil-15 ta' Gunju 2004 u fis-snin ta' qabel din id-data, meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(1) B'ghemil zieni kkorrompa lil D ta' erbatax-il sena u S ta' tlettax-il sena, persuni ta' taht l-eta`, liema delitt sar minnu li jigi axxendent tal-imsemmijin D u S;

(2) Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija minuri D u S kontra l-volonta` taghhom u dan bhala mezz biex l-imsemmija minuri jigu mgieghla jaghmlu xi haga jew joqoghdu ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghhom;

(3) Offenda l-pudur jew il-morali b’ghemil li sar f’lok pubbliku, jew f’lok espost ghall-pubbliku;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Gunju 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat, I hati ta’ l-ewwel akkuza, mhux hati tat-tieni akkuza li minnha lliberatu, u hati tat-tielet akkuza b’assorbiment ghall-fini ta’ piena u, wara li rat l-artikoli 18, 203(1)(a)(c) u 209 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu sitt snin prigunerija li minnha jrid jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi imputat, I pprezentat fl-4 ta’ Lulju 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza fuq indikata, billi tikkonferma li l-appellant mhuwiex hati tat-tieni akkuza u tilliberah miz-zewg akkuzi l-ohra. F’kaz li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti, talab li l-piena tigi varjata ghal wahda aktar ekwa u gusta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti; (2) minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-piena nflitta mhijiex ekwa u gusta.

L-ewwel aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj

stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F’**Blackstone’s Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**“The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word ‘unsafe’ should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a ‘lurking doubt’ as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta’ Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Paul Hili**, 19 ta’ Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Etienne Carter**, 14 ta’ Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta’ Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta’ Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta’ April 2003, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta’ Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta’ Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta’ Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta’ Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi**, 14 ta’ Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta’ Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta’ Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta’ April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta’ Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta’ Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta’ Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta’ Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta’ Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta’ Mejju 1991.

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w**

**evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament.”**

Din il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami akkurat tal-provi sabiex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet dwar il-htija ta’ l-appellant wara li hadet konjizzjoni tad-diversi sottomissjonijiet ta’ l-appellant.

L-appellant jattakka l-kredibilita` ta’ D. Imbaghad dwar ohtha S jghid li hi la tista’ tikkonferma dak li qalet D u stante li kienet taf x’qed tallega D wiehed ma jistax jeskludi kolluzjoni bejniethom. Dwar l-incident tat-tpingija li ghamel l-appellant u li dwaru O tghid li kien pjuttost *phallic symbol* milli Christmas tree u knaten, l-appellant jghid li ma kienx hemm korruzzjoni u li seta’ gara hu li hu mhuwiex artist tajjeb u t-tpingija tieghu setghet kellha diversi interpretazzjonijiet. L-appellant imbaghad ikompli jghid:

“Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha qalet li kienet konvinta minn dak li qalet D, minhabba x-xiehda ta’ B u W li xehdu fuq il-karattru xejn felici taghha u suspett taghhom li kien P li kien abbuza l-minuri. L-Ewwel Qorti fil-fatt tiskarta l-fatt li D, li kienet suppost abbuzata minn zijuha, ma riditx tghix ma’ ommha, li kienet tghix ma’ P [*recte:* Mallia]. Haga pjuttost stramba meta tfajla zghira li kienet imbezza’ minn dak li allegatament kien qed jaghmel zijuha u mhux il-boyfriend ta’ ommha. Anzi D kompliet volontarjament tmur ghand id-diversi zijiet taghha, inkluz fil-prezenza ta’ l-appellant. Jekk kien minnu li l-appellant abbuzaha sesswalment ma kinitx tfittex aktar il-protezzjoni ta’ ommha u mill-boyfriend taghha P [*recte:* Mallia]. Dan hu fatt u prova wkoll li l-Ewwel Qorti ma dahlitx fiha. Prattikament P [*recte:* Mallia] huwa fl-istess sitwazzjoni ta’ l-appellant, ghaliex D f’xi stadju akkuzatu ta’ abbuz sesswali u hu min-naha l-ohra qed jinnega. L-appellant qed jikkontesta dawn l-allegazzjoniiet bhal ma kien ikkontestahom P [*recte:* Mallia]. Id-differenza hija li l-appellant kien akkuzat u llum kkundannat sitt snin prigunerija.

“Illi l-Ewwel Qorti mbaghad ma temminx id-dikjarazzjoni li ghamlet D quddiem l-avukat difensur ghaliex m’hemmx kjarezza fuq min wassal lil min l-ufficcju ta’ l-avukat. Jidher li mhux kontestat li din l-istqarrija ta’ *retraction* saret quddiem l-avukat difensur. Il-volontarjeta` ta’ D f’dik l-istqarrija kienet kontestata minhabba li W sawwatha f’okkazjoni totalment differenti u ghal raguni differenti. Bla dubju ta’ xejn  stqarrija li ghamlet D kienet ukoll difficli ghaliex kienet kontra l-boyfriend ta’ ommha, li tghix mieghu. Fil-verita` din l-istorja kollha hija tahlita ta’ akkuzi fejn kollha huma qrib ta’ xulxin u hemm raguni plawsibbli ghaliex ikun hemm presjjoni biex dawn l-akkuzi jigu rtirati. Kull darba li D taghmel akkuza jinholoq aktar konfuzjoni.

“Illi l-Ewwel Qorti taghmel osservazzjoni fuq kemm-il darba W kien imur il-kerrejja l-Belt, jekk kienx kuljum jew jumejn fil-gimgha. L-appellant qed isibha difficli kif tali dettal irrilevanti tista’ tinfluwenza l-Qorti fuq akkuza tant serja.

“Illi l-verzjoni li ta l-imputat mhux talli hija kredibbli izda sahansitra jekk wiehed jezamina l-provi kollha rpodotti nkluz certi fatturi cirkostanzjali, jasal ghal konkluzjoni fl-aghar ipotesi ghall-imputat illi huwa ferm probabbli li l-fatti graw skond kif rakkontati mill-imputat, fil-verzjoni. Dan il-grad ta’ prova li ghandha tirrizulta huwa bizzejjed ghall-finijiet tal-ligi biex l-esponent jigi liberat li l-abbuz sesswali fuq iz-zewg tfajliet ma sehhux kif qed jghid l-imputat, allura tigi wahedha li jezisti dubbju ragonevoli liema dubbju ghandu jmur favur l-istess akkuzat:

1. Jigi z-ziju tal-parte civile u bhala konsegwenza kien ikun qrib taghhom f’xi okkazjonijiet;
2. Il-karattru xejn felici ta’ D li kapaci lit kun perikoluza anki fizikament meta hi kisret is-saqajn ta’ social worker. Il-Qorti stess mhjix lesta li tafda x-xiehda taghha;
3. S tixhed fuq incident li ma sehhx u tintuza minn ohtha bhala appogg ghal dawn l-akkuzi;
4. Tibdil ta’ akkuzi fil-konfront ta’ l-appellant, il-boyfriend taghha u ta’ ommha.”

Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett illi l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` tqis "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda u "jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda", kif ukoll "jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Fil-fatt l-ewwel Qorti, kif jirrizulta mis-sentenza stess, u wara li ghaddiet in rassenja l-provi kollha migbura minnha, ghamlet analizi tal-provi fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-imsemmi artikolu 637 tal-Kap 9. Inoltre l-ewwel Qorti kellha l-vantagg li tara u tisma' x-xhieda. Din il-Qorti, kif diga` nghad, ghamlet ezami akkurat tal-provi u hi tal-fehma illi l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment issib htija kif effettivament sabet.

D, nonostante l-vicissitudinijiet ta' hajjitha, kienet konsistenti fl-akkuzi taghha kontra l-appellant meta xehdet quddiem l-ewwel Qorti, u dan kemm meta xehdet fil-bidu ta' l-istruttorja kif ukoll meta giet riprodotta wara li kienet ittiehdet ghand id-difensur ta' l-appellant biex taghmel *retraction*. Jidher car mill-provi li 'l hekk imsejjah *retraction* kien biss tentattiv da parti ta' l-appellant u membri tal-familja tieghu biex il-htija tintefa' fuq persuna ohra, u cioe` l-*partner* ta' O, P.

L-appellant jghid li jekk kien minnu li hu abbuza sesswalment lil D, kienet aktar tfittex il-protezzjoni ta' ommha u l-*boyfriend* taghha milli titlaq mid-dar. Pero` hi D stess li tghid li telqet mid-dar ghax kienet issikkata. Tghid li Lawrence Mallia kien dejjem jikkmandaha, "dejjem izommilna" u, fuq kumment tal-Qorti "Izommlok fit-tajjeb" wiegbet kategorikament "Iva." Ommha O ukoll tghid li hi kienet izzommilha lil bintha D. Jigifieri huwa ferm verosimili li tifla tal-karattru ta' D, fic-cirkostanzi li sabet ruhha fihom, titlaq mid-dar biex forsi ssib sitwazzjoni aktar felici ghaliha.

Hemm cirkostanzi ohra li wkoll jaghmlu r-rakkont ta' D u ta' S aktar verosimili. Per ezempju, ix-xiehda ta' O dwar it-tpingija li rawh jaghmel uliedha D u S u li hi stess rat u li

ma kinux jixbhu Christmas tree u kanun. Ma tridx tkun artist tajjeb biex jirnexxilek tpingi dak li O gharfet bhala *phallus*. Hehh ukoll ix-xiehda ta’ l-istess O dwar kif kien jispicca fil-kamra tas-sodda tal-bniet meta jkun id-dar taghhom minflok ma jitlaq ‘il barra mill-ewwel. Hawn ghandna wkoll ix-xiehda ta’ S li rrakkontat kif meta kien jghidilhom *“good night”* kien jghidilhom *“ara ma tghidux lill-mummy, tikxfunix lili ghax intom tehluha.”* Din S ukoll tghid kif ghalkemm kien isellem lil ommha u jghidilha li sejjer, minflok jidhol fil-kamra taghhom. D ukoll issemmi kif l-appellant kien jheddidhom li jekk jitkellmu *“b’raskom idur”*. L-appellant jallega kolluzjoni bejn D u S, izda din tibqa’ biss allegazzjoni ghax m’hemm l-ebda prova jew cirkostanza li tista’ twassal lil din il-Qorti temmen li dak li xehdu dawn iz-zewgt itfal huwa rizultat ta’ kolluzjoni bejniethom. Bizzejjed wiehed josserva li meta xehed l-appellant quddiem l-ewwel Qorti, cahad dak li qalet D izda minn dak li qalet S ma cahad xejn.

Fost is-sottomissjonijiet orali li saru waqt it-trattazzjoni, gie sottomess b’referenza ghat-tielet imputazzjoni li l-ebda wiehed mill-postijiet fejn allegatament sar l-ghemil zieni ma hu lok pubbliku jew lok espost ghall-pubbliku. Il-provi fir-rigward l-*caravan* juru l-kuntrarju, cioe` juru li l-*caravan* kien espost ghall-pubbliku. Fl-istqarrija stess ta’ l-appellant, fuq mistoqsija ta’ l-ufficjal investigatur: *“Jigifieri inti m’intix teskludi l-fatt illi D kienet ghaddejja u ratek iggerrieh u ggibha jew qaghdet tittawwallek?”* l-appellant wiegeb *“Jista’ jkun xi darba ratni.”* Dan isahhah dak li xehdet D dwar dak li kienet rat lill-appellant jaghmel gewwa l-*caravan* tieghu. U bhalma ratu D setghet ratu kwalunkwe persuna ohra.

Konsegwentement, u wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-konsiderazzjonijiet dettaljati ta’ l-ewwel Qorti li tidher li gharblet il-provi minuzzjozament, jigi ribadit li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet. B’hekk l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

Dwar il-piena l-appellant jghid li hi l-massima ghar-rigward ta’ l-ewwel imputazzjoni u mhijiex ekwa u gusta. Jghid li l-

ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tieghu u li l-abbuz sar fuq medda ta' zmien. Jghid pero` illi jekk din il-Qorti tikkonferma l-htija, dan l-abbuz ma kienx kontinwu u kien limitat ghal xi okkazjonijiet rari.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[2].

Il-piena ghall-ewwel imputazzjoni hi ta' prigunerija minn tliet snin sa sitt snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha. Jigifieri hu minnu li l-piena massima preskrivibbli hi ta' sitt snin izda bir-rekluzjoni. F'dan il-kaz l-ewwel Qorti ma applikatx ukoll il-piena tar-rekluzjoni. Barra minn hekk l-appellant donnu nesa illi hu applikabbli fil-kaz tieghu l-artikolu 18 tal-Kap. 9 li permezz tieghu l-piena tista' tizdied minn grad sa zewg gradi. Dan ifisser illi jekk il-piena titla' bi grad din tkun ta' prigunerija minn erba' snin sa disa' snin filwaqt illi jekk titla' b'zewg gradi l-piena tkun ta' prigunerija minn hames snin sa tnax-il sena. Mela l-appellant seta' gie kkundannat ghal sahansitra tnax-il sena prigunerija. L-appellant jidher li nesa wkoll illi 'l ewwel Qorti stess osservat illi hawn si trattava ta' ghemil zieni fil-konfront ta' <u>zewg</u> minorenni u anke att wiehed jista' jikkorrompi ahseb u ara, almenu fil-konfront ta' wahda minnhom, ripetizzjoni ta' atti.

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis bhala nfondat l-aggravju dwar il-piena li qed jigi michud.

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier. Ghall-protezzjoni ta' l-istess minorenni tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' l-ismijiet mhux biss

---

[2] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

tal-minorenni izda anke ta' l-appellant u tax-xhieda msemmija li huma lkoll imparentati mal-minorenni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------